


# Il-Festa tal-Lunzjata lejn tmiem is-seklu 19


Carmel Bezzina

B.A., M.A., M.Ed. Couns. (Bristol), Dip. Sch. Couns.




Il-festa tal-Lunzjata, tant għal qalb in-nies ta' Ħal Balzan, mal-medda tas-snin għaddiet minn ħafna tibdil sakemm waslet biex tiġi ċċelebrata kif nafuha llum. Dan it-tibdil seħħ minħabba diversi fatturi, fosthom dawk marbutin ma' dispożizzjonijiet tal-liturġija tal-Knisja, u oħrajn ġejjin mill-bidliet li għaddiet minnhom is-soċjetà Maltija, l-aktar f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Kitba ta' Dun Xand Cortis, ippubblikata fis-sena 1895, hija dokument interessanti dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Lunzjata fir-raħal tagħna lejn tmiem is-seklu 19.

## Min kien Dun Xand Cortis

Dun Xand Cortis twieled Ħad-Dingli nhar il-11 ta' Jannar 1856 f'familja ta' bdiewa, ir-raba' wieħed minn ħames aħwa. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Gvern, is-Seminarju, u mbagħad l-Università. Ta' 19-il sena daħal fil-Kulleġġ ta' San Tumas tad-Dumnikani, ir-Rabat, fejn studja l-filosofija u t-teoloġija. Fl-1881 ngħata d-Dottorat fid-Divinità (D.D.), u nhar is-17 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena ġie ordnat qassis. Fl-1884 siefer l-Italja biex jissokta bl-istudji tiegħu. Sentejn wara, fl-1886, il-familja ta' Dun Xand niżlet toqgħod Ħal Balzan. Hawn jidher li beda jieħu sehem attiv fil-ħajja tar-raħal hekk li saħansitra għen fil-ġbir għall-qanpiena l-kbira.[1] F'dan l-istess żmien kien kappillan tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja fil-Ħamrun. Skond Ġużè Cassar Pullicino, Dun Xand dam sentejn Ħal Balzan, aktarx bejn is-snin 1886 u 1888.[2] Billi fl-1888 ħuh Dun Mattew laħaq kappillan ta' Ħal Lija, jidher li Dun Xand mar jgħix miegħu fid-dar tal-kappillan li kienet tmiss mal-knisja l-qadima tas-Salvatur.[3]



Dun Xand Cortis (1856-1916)

Dun Xand kien predikatur u konfessur magħruf. Siefer f'ħafna artijiet biex jippriedka għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Mar il-Palestina, l-Alġerija u t-Tuneżija, u anke Korfù u l-Greċja. Fl-1901 Dun Xand laħaq rettur tal-knisja ta' Santa Venera, u kien bit-tħabrik tiegħu li Santa Venera nqatgħet mill-arċimatriċi ta' Sant'Elena ta' Birkirkara u saret viċi-parroċċa b'digriet ta' l-Isqof Pietru Pace fil-11 ta' Marzu 1913, wara li kienet ingħatat lill-patrijiet Karmelitani nhar it-30 ta' Lulju 1912. Dun Xand Cortis miet fis-17 ta' Frar 1916 ħdejn dik li tissejjaħ 'l-arkata l-baxxa' ta' l-akwadott fl-Imrieħel, qrib fejn illum hemm il-Birrerija Farsons, waqt li kien passiġġata għall-ħabta ta' l-avemarija.[4]

## L-Evanġelju Mqaddes tal-Lunzjata

Dun Xand Cortis kien wieħed mill-kittieba tal-Malti u ħalla għadd ta' kotba, uħud minnhom fis-sensiela 'Mogħdija taż-Żmien', li fihom ġabar bosta ħrejjef u praspar ħafna minnhom ambjentati hawn Malta. Huwa għal dawn il-ħrejjef li baqa' l-aktar imsemmi. Iżda minbarra dawn il-kitbiet, Dun Xand ħalla xi xogħlijiet oħra, fosthom ktejjeb bl-isem *L-Evanġelju Mqaddes tal-Lunzjata*. Dan ġie stampat fl-1895 għand Giovanni Muscat, ta' 48 Triq il-Merkanti, il-belt Valletta. Il-ktieb jiddedikah lill-Konti François Manduca, li Dun Xand isejjaħlu "ġieħ u żîna ta' Ħal Balzan," u jkompli jikkwalifikah bħala "devot mill-aqwa tal-Lunzjata".[5] F'dan il-ktieb ta' 231 paġna, maqsum f'56

taqsima jew kapitlu, Cortis ifisser fid-dettal ir-rakkont ta' l-Annunzjazzjoni ta' Marija, kif insibuh fl-Evanġelju ta' San Luqa (1:26-38), u waqt li jinseġ ir-riflessjonijiet tiegħu jżewwaq it-tifsir b'kummenti u referenzi meħudin mill-Missirijiet tal-Knisja u kittieba oħra ta' spiritwalità nisranija magħrufin fi żmienu.[6] Il-ktieb jiġbor fih ukoll tagħrif dwar il-festa tal-Lunzjata kif kienet issir f'Ħal Balzan, f'Ħal Tarxien, u l-Birgu, kif ukoll ħjiel dwar il-knejjes iddedikati lil-Lunzjata f'dawn il-lokalitajiet.

Taqsima 51 ta' dan il-ktieb tittratta dwar il-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan. Għalkemm fl-1895 Dun Xand ma kienx għadu joqgħod fil-parroċċa tagħna, jidher li baqa' midħla ta' dan ir-raħal, u billi ma tbiegħedx wisq meta mar joqgħod fir-raħal ġar tagħna seta' faċilment jibqa' jżur Ħal Balzan l-aktar fil-festa tal-Lunzjata. It-tagħrif li ħallielna dwar il-festa titulari kif kienet tiġi ċċelebrata dak iż-żmien jista' jitqies dokument interessanti wkoll dwar il-ħajja f'Ħal Balzan f'dik l-epoka.[7]

## Il-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan

Dun Xand Cortis jibda biex jgħid li l-Balzanin "għandhom fid-demm għall-festa tal-Lunzjata," xejn inqas min-nies ta' lokalitajiet oħra għall-festa titulari tagħhom.[8] Lejn tmiem is-seklu 19 meta kiteb Cortis, il-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan kienet tiġi ċċelebrata fil-jum liturġiku tagħha, jiġifieri nhar il-25 ta' Marzu. Dak iż-żmien dan il-jum kien għadu mħares bħala festa kmandata. Fis-sena 1895 il-25 ta' Marzu kien it-Tnejn. Għaldaqstant, jikteb



*Dehra tal-knisja parrokkjali minn barra armata għall-festa titulari tal-Lunzjata. Ritratt x'aktarx ta' l-ewwel kwart tas-seklu 20, meta l-faċċata kienet għadha tinxtegħel bil-lampi taż-żejt.*

Cortis, "billi lejlet il-Lunzjata ħabat nhar ta' Ħadd, saret ukoll il-festa barra." Dik is-sena lejlet il-festa fil-għodu "saret ħaġa sabiħa wisq, li ma niftakarx li dari ssir snin oħra," jgħidilna Dun Xand. Il-Balzanin għamlu kif jagħmlu l-Bormliżi. "Il-Bormliżi wara t-*Te Deum* jagħmlu marċ sabiħ ħafna, hekk għamlu dis-sena l-Balzanin. Fih daqqet il-famuża banda *La Vallette*." Dil-banda ħallas għaliha s-sur Tonin Azzopardi, "li huwa raġel ħabrieki wisq għall-festa tal-Lunzjata."[9]

Dun Xand jagħti ħjiel tajjeb tat-tiżjin li kien isir fir-raħal għall-festa titulari: "Tara t-triqat imżejna sabiħ ħafna. Fuq il-bjut kollha, bandieri jbattu. Il-mixegħla ma tonqosx, il-baned jhennu l-qalb. Isiru l-marċijiet fost il-logħob tan-nar, fost wisq standardi u bandieri, fost il-għajjat u l-evviva." Iżda l-aspett li jolqot l-aktar lill-kittieb huwa l-logħob tan-nar, "li jinħadem mit-tfal tar-raħal."[10] Dun Xand ifaħħar iż-żgħażagħ ta' Ħal Balzan u jgħid li huma dilettanti ħafna tan-nar: "Minn żmien qabel dil-festa, fil-ħin tas-serħ, u fil-għaxija bil-lejl, tilmaħ qatgħa żgħażagħ miġbura flimkien jitkellmu fuq il-festa, u jaħdmulek għall-festa bosta logħob tan-nar."[11]

## Il-jiem tat-Tridu

Il-kitba ta' Dun Xand Cortis titfa' ħafna dawl fuq kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa fil-knisja. "It-tridu tal-Lunzjata jsir ta' raġel sewwa," jikteb Cortis.[12] It-tridu tal-festa f'Ħal Balzan beda jsir fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Salnitro, li mexxa l-parroċċa bejn Diċembru 1874 u Ottubru 1889.[13] Fil-jiem tat-tridu fil-għodu kienet issir quddiesa bil-ministri.[14] Fil-għaxija, ħabta ta' nżul ix-xemx, jibdew il-moti bil-qniepen "idoqqu doblu, jistiednu mill-ġdid in-nies għall-knisja."[15] It-tridu kien jibda bil-kant tal-kompieta, jew l-għasar. Dan kien isir bil-Latin, kif kienet il-prattika fil-Knisja qabel il-Konċilju Vatikan II, u jitkanta "fuq u isfel (falsabordun)," jiġifieri alternat bejn il-qassisin mill-kor u l-vuċijiet minn fuq l-orgni. Kif jispiċċa l-għasar tibda l-priedka li kienet issir minn fuq il-pulptu. Wara tingħad il-kurunella, jitkanta "fost il-ħlewwa tal-mużika" l-innu *O Gloriosa Virginum*, imbagħad l-antifona *Gabriel Angelus*, it-*Tantum ergo*, u fl-aħħar tingħata l-barka sagramentali. It-tridu tal-Lunzjata f'din il-forma kif jiddeskrivih Dun Xand Cortis baqa' bla mimsus prattikament sas-snin 60 tas-seklu li għadda, kif ħafna minna għadhom jiftakruh.[16]

## Lejlet il-festa u nharha

Lejlet il-festa f'nofs in-nhar jinstama' d-daqq tal-qniepen u t-tifqigħ tal-maskli, "xejn anqas milli jkun sar fil-għodu kmieni ma' l-ewwel ħabta tal-*Pater Noster*."[17] Wara nofs in-nhar issir it-translazzjoni, "fost il-ħlewwa tas-sinfonija," jikteb Cortis. Imbagħad jibda l-għasar "b'mużika tassew

gwappa, fejn aktarx kull sena l-*Laudate* jitkanta mit-tfal bi ħlewwa ta' l-anġli." Għal dik is-sena partikulari (1895), Dun Xand iżid dan il-kumment dwar il-kant tal-*Laudate*: "Imbagħad dis-sena ma ngħidu xejn." Tgħid x'seta' kien hemm fil-*Laudate* ta' dik is-sena biex silet dan il-kumment ta' għoġba mill-kittieb?

Jum il-festa jibda bil-matutin, u dan isir "mhux bil-ħlieqa," fi kliem Dun Xand. Kien isir ħafna quddies, billi "bosta saċerdoti barranin imorru jqaddsu hemm b'devozzjoni." Fiż-żmien ta' qabel il-Konċilju kienet għadha d-drawwa li jsiru diversi quddisiet fl-istess ħin fuq l-artali differenti tal-knisja.[18] Cortis josserva li ħafna nisa jersqu għat-tqarbin, "imma rġiel ftit li xejn." Fid-disgħa ta' fil-għodu titkanta t-terza u mbagħad toħroġ il-quddiesa kantata "li ssir b'mużika xejn anqas gwappa mill-ewwel għasar." Wara l-Evanġelju jsir il-paneġierku minn fuq il-pulptu: "predikatur aktarx mill-egħref jitkellem fuq il-misterju mqaddes tal-Lunzjata." Dik is-sena l-paneġierku kien sar minn Dun Ġużepp Xerri, il-kappillan ta' San Ġiljan.[19] "Inħallikom taħsbu jekk kienx bil-għeruq u x-xniexel," iżid Dun Xand Cortis.

## Il-purċissjoni

Wara nofs in-nhar isir it-tieni għasar "b'sollennità kbira," u tibda ħierġa l-purċissjoni. Cortis jagħti deskrizzjoni ħelwa b'xi ftit dettalji wkoll tal-purċissjoni tal-Lunzjata, kważi kważi jipprova joħloq l-atmosfera qisha qed tiġri quddiem għajnejk: "Il-briju jkun kbir. Tifqigħ ta' bombi, u sparar ta' maskli addoċċ, baned mill-aħjar, ħafna qassisin u kjeriċi jakkumpanjaw, kappillani ma jonqsux."[20] Interessanti li meta l-purċissjoni kienet tasal quddiem il-knisja l-qadima tal-Lunzjata, fi Triq it-Tliet Knejjes, kienet titkanta l-antifona u jingħad l-*Oremus*.[21] Għandna ħjiel ukoll tar-rotta tal-purċissjoni, li dak iż-żmien kienet iqsar milli hija llum billi Triq Idmejda, Triq Sisner, u Triq San Valentin kienu għadhom ma nfetħux. Forsi indikazzjoni ta' dan toħroġ meta Dun Xand jikteb li wara l-waqfa quddiem it-tliet knejjes il-purċissjoni "tibqa' sejra mill-ġdid għall-knisja, minn fejn ħarġet." Wieħed għandu jifhem li dan kien isir wara li tkun għaddiet minn Triq il-Providenza u ħarġet fit-Triq il-Kbira minn ħdejn il-Madonna tar-Rummiena. Matul it-triq "ma tarax ħlief xita ta' fjuri u ta' poeżiji neżlin fuq il-vara għażiża tal-Lunzjata."

Id-dħul tal-purċissjoni kien joffri dehra mill-isbaħ. Malli l-vara tal-Lunzjata toqrob lejn iz-zuntier, "qatgħa kbira ta' żgħażagħ Balzanin imdandna mill-aqwa, bil-ferħ ta' qalbhom pinġut fuq wiċċhom u t-torċi ta' bosta miċeċ mixgħula f'idejhom, imorru jilqgħuha." Illum forsi ftit nistgħu nimmaġinaw x'atmosfera kienet toħloq xena bħal din ta' tant fjammi mixgħula fiż-żmien meta d-dawl elettriku kien għadu ma wasalx fl-irħula tagħna.[22] Bl-istil tipiku tiegħu, Cortis jissokta jikteb hekk: "Hawn inħallikom taħsbu xi ġmiel u xi briju jagħmlu dawk id-dwal kollha, l-aktar meta jkun dalam għal kullimkien." Mad-dħul tal-Lunzjata fil-knisja "titkanta l-antifona *Spiritus Sanctus*, fost il-ħlewwa ta' l-istrumenti mużikali," u fl-aħħarnett tingħata l-barka sagramentali.[23] Fis-sena li kiteb Dun Xand Cortis din l-antifona kienet ilha għoxrin sena biss tindaqq, billi s-surmast Dr Paolo Nani kien żanżanha għall-festa ta' l-1875.[24]

## Il-knisja minn ġewwa

Cortis jikkummenta wkoll dwar il-knisja parrokkjali, għalkemm hawn ma jidħolx fid-dettal. Jgħid li l-knisja minn ġewwa tkun imżejna sabiħ ħafna u li 'jkun fiha daqqa ta' għajn'. Huwa jkompli hekk: "Kulmin jidħol fiha jibqa' għaqlu fuqha, wisq aktar issa li, kif ngħidu 'l quddiem, hi mżejna bl-iskultura, bil-pittura, u bl-induratura." Fil-fatt, fit-taqsima 52 tal-ktieb, li fiha jitkellem dwar il-knejjes tal-Lunzjata f'Ħal Balzan, wara li jagħti tagħrif qasir dwar il-knisja l-qadima tal-Lunzjata, Cortis jgħaddi biex jikteb fit-tul dwar il-knisja parrokkjali. Huwa jistqarr li ħafna mit-tagħrif li jagħti ħadu mill-ktieb ta' Achille Ferres, ippubblikat fl-1866.[25] Iżda l-parti l-aktar interessanti ta' din id-deskrizzjoni ta' Dun Xand Cortis hija meta jikteb dwar ix-xogħlijiet li kienu saru fil-knisja fi żmienu u li allura ma jinstabux fil-kitba ta' Ferres. Fost ħwejjeġ oħra, Dun Xand



*Il-knisja mżejna għall-festa tal-Lunzjata. Ritratt antik meħud lejn tmiem is-seklu 19, qrib ħafna tas-sena meta kiteb Dun Xand Cortis. L-istatwa titulari kienet għadha kif ħarġet minn idejn l-iskultur Salvu Dimech fl-1868. Ta' min jinnota l-iskultura barokka fil-prospettiva tal-kor u madwar l-artal ta' San Mikiel.*

jikteb: "Il-knisja ta' Ħal Balzan minn xi żmien 'il hawn kotrot wisq fil-ġmiel, u toktor iżjed. Il-koppla naqqxuha sabiħ ħafna xi żgħażagħ ta' l-istess raħal; u pinġieha s-sur Calì. Fiha s-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu li ħarġu sbieħ kemm jista' jkun."[26] Jgħid ukoll li l-knisja "ġiet onvjata u miżbugħa mill-ħaddiema ta' l-istess raħal b'ħeġġa l-iżjed kbira taħt it-treġija tas-sur Calì."[27]

Fil-konklużjoni tal-kitba tiegħu, Dun Xand ma jonqosx li jagħmel xi kummenti ta' qassis li kien, li għandu għal qalbu l-ġid spiritwali tal-poplu. Għalkemm jistqarr li "l-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan issir tassew bil-kbir," jilmenta fl-istess ħin min-nuqqas tal-qrar, tat-tqarbin, u tal-fratelli fil-purċissjoni, ħaġa li seta' josservaha fil-festi titulari kollha. Wara li jfaħħar il-ġmiel tal-knisja parrokkjali u jesprimi "kemm hija ħaġa sabiħa li tkun imżejna d-dar t'Alla," iżid ukoll: "Imma kemm kienet tkun ħaġa isbaħ li kieku fil-festi l-insara kienu jżejnu qalbhom bil-qrar u t-tqarbin!"[28] Dwar il-parteċipazzjoni tal-fratelli fil-purċissjoni, Cortis iżid nota li dik is-sena (1895) "fratelli tas-Sagrament kien hemm mhux ħażin żejjed," u jżid ukoll: "Jalla dejjem hekk."[29] Fi tmiem it-taqsima Cortis jesprimi t-tama tiegħu 'fil-Lunzjata mqaddsa' li dawn in-nuqqasijiet jiġu rrimedjati, biex hekk "in-nies ta' Ħal Balzan ikollhom tas-sewwa biex jiftaħru mill-ewwel sa l-aħħar, mill-bidu sat-tmiem, minn fuq s'isfel."[30]

## L-appell ħerqan ta' Dun Xand

Dan l-appell Dun Xand kien diġà għamlu fi tmiem it-taqsima 48 tal-ktieb. Din it-taqsima, bl-isem "L-Inkarnazzjoni mġedda fl-Ewkaristija," jikkonkludiha b'dawn il-kelmiet:

> Imma jkolli ngħid b'sogħba kbira ta' qalbi, li ftit huma l-insara li nhar il-Lunzjata jersqu jitqarbnu. Hawn f'Malta għandna żewġ parroċċi tal-Lunzjata, Ħal Balzan u Ħal Tarxien. Festa sabiħa ssir iż-żewġ bnadi...; imma mbagħad jaħasra l-aħjar tal-festa, it-tqarbin imqaddes, il-biċċa l-kbira jħalluh fil-ġenb. Jifhmu li jweġġħu l-misterju ta' l-Inkarnazzjoni billi jżanżnu libsa ġdida, billi jżejnu bosta l-Knisja, billi jisparaw bosta maskli, billi jagħmlu mużika gwappa ferm, billi l-baned ikunu tajba. Jaħasra kemm sejrin żmerċ! (Imbagħad kollox irid ikun); imma l-aqwa tal-festa hu l-qrar u t-tqarbin. B'dan jieħu l-akbar gost Ġesù inkarnat, u mhux bil-bqija. Nifthu mela għajnejna għali ġej.[31]

Naħseb li taqblu miegħi li din il-kitba ta' Dun Xand Cortis, apparti s-siwi storiku tagħha fil-kuntest tal-ġrajja tal-festa titulari tar-raħal tagħna, għadha attwali u għandha ħafna x'tgħallimna anke llum mija u tnax-il sena wara li nkitbet.

**Noti u Referenzi:**

1 Il-qanpiena l-kbira li tissemma m'hijiex dik li għandna llum, li saret fl-1948, iżda oħra maħduma mill-funditur Ġulju Cauchi (1829-1904). Fl-1890 Cauchi ħadem, fil-funderija tiegħu f'Għajn Dwieli, sett ta' erba' qniepen għall-parroċċa ta' Ħal Balzan. Skond Pietru Pawl Castagna, il-kbira fosthom kienet tiżen 23 qantar u swiet 2640 skud (ara P.P. Castagna, *Lis Storja ta Malta bil Gżejer tahha*, III Parti, Malta: 1890, p.152). Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mons. Pietru Pace nhar is-27 ta' Settembru 1890, u saret bil-kontribuzzjonijiet tal-poplu u biż-żelu tal-Kappillan Dun Ġużepp Salnitro u tal-prokuraturi Dun Ġwann Sarreo D.D., is-sur Pietru Pawl Frendo, il-konti Francesco Manduca, is-sur Nikol Bonello, u s-saċerdot Dun Alessandru Cortis D.D. Ara Dun Ġwann Dimech, "Il-Knisja Parrokkjali (18) – Il-Kampnar: Sett Qniepen Ġodda", *Ħal Balzan*, Lulju/Awissu 1976, p.3. Ara wkoll Dun Xand Cortis, *L-Evanġelju Mqaddes tal-Lunzjata* (Malta: 1895), p.209, nota 1. Dawn il-qniepen ta' Ġulju Cauchi flimkien ma' oħrajn eqdem ma baqgħux jintużaw meta wasal is-sett il-ġdid fl-1925 maħdum mid-ditta Paccard. Tnejn minnhom kienu nbiegħu, waħda lill-kunvent tal-patrijiet Tereżjani f'Birkirkara u l-oħra lill-knisja ta' San Ġiljan, filwaqt li l-oħrajn tkissru għall-bronż u nbiegħu lid-ditta Paccard. Ara Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999* (Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004), p.77. F'Ħal Balzan inżammet biss waħda, maħduma mill-aħwa Tragance, li sal-lum għadha tindaqq flimkien mal-qniepen il-ġodda; il-Balzanin insibuha bħala x-'xiħa'.

2 Ġużè Cassar Pullicino, *Il-Bennejja tal-Folklor Malti* (Malta: L-Università Rjali ta' Malta, 1964), p.66.

3 Ara Giovanni Cutajar, "Dun Mattew Cortis, S.Th.D. – il-Kappillan tal-Parroċċa Għażiża Tagħna Villa Lija", *Villa Lija*, Novembru 1972, ikkwotat minn Ġorġ Mifsud, *Il-Praspar miktuba minn Dun Xand Cortis* (Malta: Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd, 1991), p.239.

4 Mifsud, *op.cit.*, p.248.

5 Il-Konti Francesco Manduca Piscopo Macedonia, is-sitt konti tal-Kontea Mont'Alto, twieled Ħal Balzan fl-1851. Kien joqgħod fid-dar li llum iġġib in-numru 100 fit-Triq il-Kbira, sewwasew quddiem il-knisja, faċċata tal-Każin San Gabriel. Fis-sena 1884 iżżewweġ lil Nicolina Azopardi, bint il-Baruni ta' Buleben, li mietet fl-1888 bla ma ħalliet tfal. Fl-1889 iżżewweġ lil oħtha Angiolina, li minnha kellu sitt itfal. Il-kbir fost is-subjien kien Bernardo (1891-1971) li, mal-mewt ta' missieru Francesco fis-sena 1916, wiret it-titlu ta' konti warajh. Il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, li għadu ħaj fil-memorja ta' ħafna Balzanin, kien benefattur kbir ieħor ta' Ħal Balzan bħal missieru, u daqsu kien devot mill-aqwa tal-Lunzjata. Ħajr lill-avukat Dr Ray Mangion għal xi dettalji li tani.

6 Huwa l-ħsieb tiegħi li 'l quddiem nippubblika studju kritiku dettaljat ta' dan ix-xogħol ta' Dun Xand Cortis, li jirrifletti l-istil tal-kittieb u l-Malti kif użat fi żmienu.

7 L-ewwel darba li ktibt dwar dan ix-xogħol ta' Dun Xand Cortis kien 36 sena ilu meta fl-ewwel ħarġa tal-gazzetta *ĦAL BALZAN* kont ippubblikajt artiklu bl-isem "Il-Festa tal-Lunzjata fl-Imgħoddi u Llum" bil-psewdonimu 'Balzani'. Ara *ĦAL BALZAN* Nru 1, Settembru/Ottubru 1971, p.4.

8 F'dan il-kuntest huwa jsemmi n-nies ta' Ħal Lija u l-imħabba tagħhom għall-festa tas-Salvatur. Dan jagħmlu x'aktarx billi dak iż-żmien kien qed jgħix f'dak ir-raħal.

9 Cortis, *op.cit.*, p.206.
Għad ma rnexxilix insib min seta' kien is-sur Tonin Azzopardi li jissemma f'din il-kitba.

10 Cortis, *op.cit.*, p.206.

11 *Ibid.*, p.203.
F'nota f'qiegħ il-paġna, Dun Xand, filwaqt li jfaħħar il-logħob tan-nar tad-dilettanti Balzanin, iwissihom biex joqogħdu attenti "li ma jaħbtux, Alla ħares qatt, ikorru. Man-nar ħadd ma jiċċajta." Min kellu jgħidlu lil Dun Xand li tmien snin biss wara, f'Ottubru 1903, kellha tiġri dik id-diżgrazzja tan-nar f'Ħal Balzan li ħalliet sitta min-nies mejta! Ara Carmel Bezzina, "F'Għeluq il-Mitt Sena mid-Diżgrazzja tan-Nar li ġrat f'Ħal Balzan fl-1903", *Każin tal-Banda San Gabriel,*

*Festa ta' Marija Annunzjata 2003*, pp.39-43.

[12] Cortis, *op.cit.*,p.203, *passim.*

[13] Ara Cortis, *op.cit.*, p.204, nota 1.
L-ewwel tridu ppridkat qabel il-festa sar fis-sena 1876. Ara Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, p.163.

[14] Din il-quddiesa kantata fil-għodu fil-jiem tat-tridu baqgħet issir sa żmien il-parrokat ta' Dun Tarċisju Delicata, bejn is-snin 1981 u 1991.

[15] Skond Erin Serracino Inglott, l-espressjoni 'daqq doblu' tal-qniepen tfisser: daqq ta' qniepen bil-kbir f'xi festa; mota doppja jew b'żewġ qniepen jew aktar f'daqqa. Ara *Il-Miklem Malti* Vol.II (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975), p.101.

[16] Meta daħlet ir-riforma fil-liturġija tal-Knisja wara l-Konċilju Vatikan II, l-ewwel bidla fiċ-ċelebrazzjoni tat-tridu kienet li ġiet introdotta l-quddiesa ta' fil-għaxija u l-priedka tat-tridu ġiet inkorporata fil-quddiesa bħala omelija. Bidliet oħrajn daħlu fis-snin aktar qrib lejna, xi drabi għax kienu mitluba miċ-ċirkustanzi taż-żmien, drabi oħra skond il-gosti u s-sens ta' storja u tradizzjoni li jkollu l-kappillan.

[17] Cortis, *op.cit.*,p.204, *passim.*
Kienet għadha l-prattika dak iż-żmien li jindaqq il-*Pater Noster* fil-għodu kmieni, bejn l-4.00 u l-5.00. Dawn kienu tokki bil-qanpiena bħalma llum għadhom jindaqqu fit-8.00, f'nofs in-nhar, u fl-Avemarija. Dari dawn it-tokki kienu jindaqqu wkoll tard ħafna fil-għaxija, meta jkun beda diehel il-lejl, u kienu jissejħu 'ta' l-imwiet', sabiex niftakru fil-mejtin tagħna.

[18] Din il-prattika kienet komuni l-aktar fl-għodwa tat-2 ta' Novembru, l-Għid ta' l-Imwiet, meta s-saċerdoti jqaddsu aktar minn quddiesa waħda.

[19] Dun Ġużepp Xerri D.D. (1823-1897) minn Birkirkara kien ġie ordnat saċerdot fl-1848. Għamel żmien viċi-parroku meta San Ġiljan kien għadu jagħmel ma' Birkirkara, u mbagħad inħatar l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida meta din twaqqfet fl-1891. Ara Winston L. Zammit, *Dun Ġużepp Xerri – L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan* (Malta: St Julian's Parish Book Centre, 1997).

[20] Cortis, *op.cit.*,p.205, *passim.*

[21] Ta' min jissuġġerixxi li din id-drawwa devota u ħelwa nerġgħu nintroduċuha, forsi anke b'ġieħ lil din il-knisja storika li serviet bħala l-ewwel knisja parrokkjali tar-raħal tagħna meta twaqqfet il-parroċċa nhar l-14 ta' Awissu 1655.

[22] Mons. Ġwann Dimech jgħid li meta d-dawl elettriku beda jersaq lejn Ħal Balzan il-kappillan Dun Franġisk S. Zahra irsista biex il-knisja tkun minn ta' l-ewwel li jkollha l-elettriku. Dan kien x'aktarx għall-ħabta tas-sena 1925. Ara Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, p.157.

[23] L-għeluq tal-festa fil-knisja fi żmien Cortis jixbah ħafna dak li jsir fil-preżent ħlief li daż-żmien fid-dħul tal-purċissjoni titkanta l-antifona *Gabriel Angelus*. L-antifona *Spiritus Sanctus* illum tindaqq fl-aħħar jum tat-tridu, fit-translazzjoni lejlet il-festa, u nhar il-festa fil-għodu fil-quddiesa kantata.

[24] Maestro Dr Paolo Nani (1814-1904) dderieġa l-mużika tal-festa titulari għall-ewwel darba fis-sena 1872. Huwa dam 32 sena *maestro di cappella* tal-parroċċa ta' Ħal Balzan, bejn l-1872 u l-1904, is-sena li fiha miet. Ara Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, p.296.

[25] Cortis, *op.cit.*, p.209, nota 3. Il-ktieb ta' Ferres li jirreferi għalih huwa: *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (Malta: 1866).

[26] Cortis, *op.cit.*, *loc.cit.* Fil-fatt il-pittura tal-koppla, xogħol il-pittur Malti Giuseppe Calì (1846-1930), kienet għadha kemm saret is-sena ta' qabel (1894). Ara Carmel Bezzina, "Il-Pittura tal-Knisja ta' Ħal Balzan", *Ħal Balzan – 350 Sena Parroċċa 1655-2005, Każin tal-Banda San Gabriel, Festa ta' Marija Annunzjata 2005*, pp.56-57.

[27] Cortis, *op.cit.*, pp.210-211.

[28] *Ibid.*, pp.205-206.

[29] *Ibid.*, p.207, nota 1.

[30] *Ibid.*, *loc.cit.*

[31] *Ibid.*, pp.193-194.